MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 427/2003

**Charles Mercieca & Co. Limited**

**vs**

**Francis Cini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erba' u tmenin centezmu (Lm571.84) rappresentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u baqghet ma thallsitx.
Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal mitejn lira Maltin (Lm200.00) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Joseph Zammit in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------